MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 980/2003

**Bernard u Josephine konjugi Buhagiar**

**vs**

**George Cortis, Antonia Attard u GasanMamo Insurance Limited u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2006, l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Victor, Carmelo, Filippa mart Philip Abela, Miriam mart Frans Dimech, Pauline mart Louis Farrugia, Agnes mart Carmelo Barbara, u Giovanna mart Frans Dimech l-ahwa Mifsud – Philip, Giuseppe, Carmelo, Emanuele, Alfred, Marianna mart Joseph Dimech u Katie mart Philip Caruana – ahwa Agius – Maria, Judith u Sandra ahwa Agius, ulied il-mejjet Anthony Agius stante l-mewt tal-konvenuta Antonia Attard u b'digriet tad-9 ta' Dicembru, 2009, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Alexandra sive Sandra Farrugia (I.D. Nru. 0523165 (M)) u John Mifsud (I.D. Nru. 0316775 (M)), ahwa Mifsud sabiex ikomplu l-kawza minflok Victor Mifsud li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-25 ta' Settembru, 2003, li permezz taghha l-atturi fuq indikati esponew sintetikament is-segwenti:

1. Illi huma l-proprjetarji tal-fond "*Desiree`*", Triq il-Kurkanta, Haz-Zebbug;

2. Illi l-konvenuta Antonia Attard hi proprjetarja tal-garaxx bla numru sottopost ghall-fond tal-atturi, filwaqt li l-konvenut l-iehor George Cortis jikri l-istess garaxx minghand l-imsemmija Antonia Attard;

3. Illi fil-15 ta' Novembru, 2001, kien inharaq il-vann tal-marka Mazda EBA – 841 proprjeta` tal-istess George Cortis li kien fl-imsemmi garaxx;

4. Illi b'rizultat tal-istess hruq gew ikkawzati danni strutturali fil-proprjeta` tal-atturi;

5. Illi ghalkemm interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-atturi fil-fond taghhom fuq indikat, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

6. Illi ghalhekk aderew lil din il-qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex:

i. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-hruq li sehh fil-vann fuq riferit li sehh fil-garaxx *de quo* sottopost ghall-fond proprjeta` tal-atturi fuq riferit;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi;

iii. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu dawk id-danni hekk likwidati, jew alternattivament, li jesegwixxu x-xoghlijiet rimedjali taht id-direzzjoni ta' perit nominat mill-qorti;

iv. Illi fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi biex jesegwixxu x-xoghlijiet *de quo* a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom;

v. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Antonia Attard datata t-22 ta’ Dicembru, 2003, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-atturi m’ghandhomx interess guridiku biex jipproponu l-azzjoni odjerna;

2. Illi l-atturi m’ghandhomx interess guridiku jitolbu dikjarazzjoni fuq responsabbilita` tal-hsara tal-vann *de quo* ghaliex m’ghandhom l-ebda proprjeta` tal-vann *de quo* izda fil-fond sovrapost ghall-garaxx proprjeta` tal-eccipjenti Attard mikri lil Cortis;

3. Illi l-eccipjenti Attard tichad kull responsabbilita` stante li l-garaxx ma kellu l-ebda konnessjoni mal-hruq jew mal-istallazzjoni elettrika;

4. Illi japplika l-artikolu 1562 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` GasanMamo Insurance Limited datata l-23 ta’ Dicembru, 2003, li permezz taghha sintetikament ecepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hi nulla u bla effett stante li s-socjeta` konvenuta *de quo* m’ghadhiex tezisti;

2. Illi bla pregudizzju ghall-istess is-socjeta` eccipjenti m’ghandhiex *locus standi* stante:

i. Illi *si tratta* ta’ kawza *ex delictu*;

ii. Illi *ai termini* tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, notifika b’ittra ufficcjali kienet tkun sufficjenti ghall-

finijiet ta' esekuzzjoni diretta, u ghalhekk m'ghandhiex tbati spejjez;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-2 ta' Frar, 2004, li permezz tieghu ordnat il-korrezzjoni kif mitluba mill-atturi fis-sens li l-isem GasanMamo Insurance Limited jissostitwixxi l-isem originarjament indikat, (ara fol 17);

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' George Cortis datata t-18 ta' Frar, 2004, li permezz taghha eccepixxa sintetikament is-segwenti:

1. Illi bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-hsarat lamentati mill-atturi stante li n-nar kien frott t'incident li ghalih ma kienx responsabbli;

2. Illi jispetta lill-atturi jippruvaw l-entita` tal-hsara lamentata;

3. Illi l-hsara hi koperta mill-assigurazzjoni ta' GasanMamo Insurance Company Limited;

4. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 ta' Frar, 2006, fejn wara r-rikors tal-eredi tal-konvenuta Antonia Attard li permezz tieghu talbu t-trasfuzjoni tal-atti favur taghhom ghar-raguni hemm infraskritta, laqghet it-talba, (ara fol 59);

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-8 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu wara talba appozita, hatret lill-perit tekniku hemm indikat biex jikkonstata l-hsarat sofferti fil-proprjeta` tal-atturi, (ara fol 117);

Rat id-digriet tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat it-8 ta' Mejju, 2008, li permezz tieghu,

wara talba appozita, estendiet l-inkarigu moghti lill-istess perit tekniku fuq riferit biex jaghti l-valur ghax-xoghlijiet li ghad iridu jsiru biex jirripristinaw il-hsarat ikkagunati bil-hruq in dizamina, (ara fol 121 u 122);

Rat id-digriet ulterjuri tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat il-5 ta’ Novembru, 2008, li permezz tieghu wara nota appozita tal-atturi datata l-25 ta’ Gunju, 2008, hatret periti perizjuri, (ara fol 135);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 ta’ Dicembru, 2009, li permezz tieghu, wara r-rikors appozitu datat it-28 ta’ Gunju, 2009, ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju ta’ Victor Mifsud li miet fil-mori tal-kawza, (ara fol 156);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-17 ta’ Marzu, 2010, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma’ l-provi tal-konvenuti, (ara fol 173);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-werrieta tal-konvenuta Antonia Attard datat it-12 ta’ Jannar, 2011, li permezz tieghu informa lill-qorti li b’att pubbliku l-klijenti tieghu ittransigew mal-atturi u ghalhekk l-atturi ghandhom icedu l-kawza fil-konfront taghhom, (ara fol 178);

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat l-4 ta’ Mejju, 2011, li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu moghti lill-assistent gudizzjarju fuq riferit u hatret lill-perit legali hemm indikata, (ara fol 184);

Rat in-nota tal-atturi Bernard u Josephine konjugi Buhagiar data l-4 ta’ Mejju, 2011, li permezz taghha cedew il-kawza fil-konfront tal-eredi tal-mejta Antonia Attard u zammew ferma l-kawza kontra l-konvenuti l-ohra, (ara fol 185);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi datata d-29 ta’ Marzu, 2012, (ara fol 188);

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` konvenuta GasanMamo Insurance Limited, datata s-26 ta' Settembru, 2012, (ara fol 196);

Rat id-diversi relazzjonijiet teknici u dik legaliipprezentati;

Ezaminat ix-xhieda kollha esebita;

Hadet konjizzjoni tal-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet involuti datat is-26 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li qed jistriehu fuq in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom gia` ipprezentata quddiem il-perit legali fuq gia` riferita, (ara fol 259);

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-kaz in dizamina jirrigawrda incendju li sehh fil-15 ta' Novembru, 2001, li l-ewwel origina mill-vettura tat-tip Mazda bin-numru ta' registrazzjoni EBA – 841, proprjeta` tal-konvenut Cortis;

2. Illi fl-incident *de quo* din l-imsemmija vettura kienet tinsab fil-garaxx sottostanti l-abitazzjoni tal-atturi fl-indirizz fuq gia` riferit, liema garaxx kien mikri mill-intimat Cortis minghand sid l-istess garaxx, l-intimata Attard;

3. Illi jirrizulta li fl-istess garaxx il-konvenut Cortis kellu wkoll cilindru tal-gass vojt; xi zewg (2) kaxxi tal-kartun vojta; xi kontenituri taz-zejt tal-magni; gwardarobba tal-injam mimlija trofej; televizjoni tal-kulur; raff mimli tilari tal-hadid; kexxun bi bnadar ta' Malta; armarju tal-injam; zewg (2) *flash doors*; karretta u ghodda ghat-tqeghid tal-madum, li kollha gew distrutti;

4. Illi skont l-espert forensiku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, ma gie osservat l-ebda *foul play*, (ara fol 219);

5. Illi l-vann in dizamina kien inxtara mill-konvenut Cortis fl-1992 u kien itih zewg (2) *services* fis-sena;

6. Illi rizultat tal-incendju in dizamina l-fond sovrastanti sofra min konsenturi u hsarat ohra li l-perit nominat minn din il-qorti diversament preseduta finalment stabilixxa li kienu jammontaw ghal erbat elef, erba' mija u hamsin Ewro, (€4,450.00);

7. Illi pero`, wara li gew ukoll nominati periti perizjuri, l-hsara komplessiva sofferta mill-atturi giet valutata li kienet ta' hmistax –il elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro, (€15,222.00), inkluz il-VAT;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu wkoll jigi immedjatament ikkonstatat li wara l-korrezzjoni mitluba mill-atturi fit-2 ta' Frar, 2004, (ara fol 17), u wara n-nota attrici datata l-4 ta' Mejju, 2011, (ara fol 185), li permezz taghha cedew il-kawza odjerna fil-konfront tal-konvenuta Antonia Attard u tal-eredi taghha, din il-vertenza hi issa limitata ghall-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited;

Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess qed tirrespingi immedjatament l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi wara l-incident meritu tal-procedura odjerna jirrizulta li l-konvenut Cortis, bhala persuna assikurat bit-tip "*Third Party Fire & Theft*" kien gie debitament risarcit mis-socjeta` assikuratrici konvenuta li pero`, irrifjutat tirrisarcixxi lill-atturi u dan, ghaliex qed tallega li l-incident in dizmaina kien wiehed accidentali;

Ikkunsidrat:

Illi kif abbilment issottolineat l-abbli espert legali fuq riferita fil-kawza minnha indikata fl-ismijiet **Ingegnere Frank**

**Calafato vs Carmelo Grech, Qorti tal-Appell**, datata t-**23 ta’ Novembru, 1921**, (Vol. XXIV.1.894):

“ … quando in un giudizio di risarcimento di danni l’attore allega d’aver sofferto il danno … per colpa del convenuto, egli e’ nell’obbligo di provare un fatto od una omissione che parti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto … poiche’ la colpa e’ un ipotesi giuridica e generica finche’ sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione …”;

Illi sintetikament ghalhekk jinghad li min jallega li sofra xi dannu ghandu jipprova l-istess allegazzjoni u dan, kemm bl-att jew bl-ammissjoni tal-persuna minnu tenuta responsabbli tal-istess;

Illi *di piu`*, kif irriteniet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza fl-ismijiet **Piju Bezzina vs Indri Galea tat-23 ta’ Novembru, 1984**:

“Biex tirnexxi azzjoni ghad-danni kkawzati f’kawzi-delitt mhux bizzejjed li l-attur jipprova li sofra xi hsara fil-proprjeta` tieghu imma jehtieg li jipprova wkoll li din il-hsara gejja mill-agir ta’ l-attur jew li tal-inqas ikkontiribwixxa ghaliha”;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tal-process jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi n-nar li ha fil-vann meritu tal-procedura odjerna kien wiehed ta’ natura accidentali;

2. Illi jirrizulta li s-sit originali tan-nar kien fil-magna tal-istess vann fejn jirrizulta li saret hafna hsara;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost spetta issa ghal Cortis li jipprova li l-origini tan-nar kien wiehed fortuwitu;

Illi kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Muscat et vs Carmelo Agius, Qorti tal-Appell**, datata **14 ta' Jannar, 1939**:

" … biex iwaqqa' l-presunzjoni tal-htija, l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:

i. l-accident jew il-fortuwitu bhala l-kawza tal-hsara;

ii. In-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u immedjata tal-hsarat";

Ikkunsidrat:

Illi kif kostantement ritenut mill-qrati lokali, il-**kaz fortuwitu** hu dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' diligenza ordinarja, (Vol. XXX.1.869);

Illi biex ikun hemm dan il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, izda jinhtieg li dan ikun **inevitabbli** b'mod li **ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja**, (Vol.XXXV.11.637);

Illi *di piu`*, il-prova tal-fortuwitu, jew tal-kawza estranea, tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonatrici, (Vol. XXX1.1.467);

Ikkunsidrat:

Illi r-rizultanzi processwali juru minghajr dubju li l-garaxx in dizamina kien jintuza esklussivament mill-konvenut Cortis biex jiggaraxxja l-vann tieghu u jzomm il-materjal li hu joghgbu jpoggi fl-istess garaxx;

Illi peress li l-garaxx in dizamina ma kienx kbir, in-nar infirex malajr;

Ikkunsidrat:

Illi min ezami tal-atti kollha processwali din il-qorti m’ghandhiex ragunijiet biex ma tikkonkordax ghal kollox mal-konkluzjonijiet tal-perit legali inkluzi fir-relazzjoni taghha, u konsegwentement qed taghmilhom taghha ghal fini ta’ din il-procedura;

Illi konsegwentement taqbel mal-konkluzjoni taghha li l-incendju in dizamina kien wiehed purament accidentali, li pero` ma jeskludix l-imprudenza tal-konvenut Cortis meta naqas li jipprevedi dak prevedibbli ghal persuna li tezercita d-diligenza tal-*bonus paterfamilias*;

Illi dan qed jigi rilevat stante li fil-garaxx ta’ proporzjon zghir, mal-vann *de quo*, kien hemm ammont konsiderevoli ta’ materjal infjammabbli li kien ghalhekk ta’ perikolu serju u gravi, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-garaxx kien sitwat taht fond residenzjali;

Illi ghalhekk din il-qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali suriferita li allura l-konvenut kolpozament holoq sitwazzjoni li kkontribwiet biex in-nar jinfirex b’facilita` u ghamel hsara konsiderevoli lill-fond sovrastanti;

Illi kif irriteniet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Vella vs Mangion et tat-22 ta’ Marzu, 2005**:

“ … huwa opportun li jigi osservat li, il-fatt li l-istallazzjoni ta’ *sprinkler system* m’hijiex komuni f’Malta ghal fondi zghar, u m’hijiex rikjesta mill-ligi, ma jezonerax lill-konvenuti bl-ebda mod. Id-diligenza li kellhom jezercitaw il-konvenuti, biex jaslu ghall-grad ta’ *bonus paterfamilias*, hija dettata mic-cirkostanzi tal-kaz, u tvarja min kaz ghall-iehor. Kull kaz ghandu jigi konsidrat ghalih peress li c-cirkostanzi ta’ zmien jew ta’ natura ohra jistghu ibiddlu s-soluzzjoni fis-sens illi l-*event*, fejn kien imprevedibbli f’kaz isir prevedibbli f’kaz iehor u ghalhekk l-esekuzzjoni (jew l-inevitabilita`) ma tkunx impossibbli”, (Vol. XXX1.1.554). F’dan il-kaz kienet prevedibbli l-possibilita` li l-vettura tista’ tiehu n-nar u kien ferm prevedibbli li f’dak il-kaz, in-nar jinfirex u jikber minhabba l-kwantita` ta’ merkanzija stivata

fil-garaxx. F'dan il-kaz, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti ma lahqux dan il-grad ta' diligenza rikjesta mill-ligi";

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun ovvju s-segwenti:

1. Illi l-politika strutturali rigwardanti l-prevenzjoni f'sitwazzjonijiet simili ghandha tigi ri-ezaminata minn min hu dovut bil-ghan li tigi salvagwardata l-inkolumita` ta' kull persuna involuta;

2. Illi l-istess konvenut Cortis kien ikun ghaqli li jkollu apparat li jaghti allarm f'sitwazzjonijiet bhal dik in dizamina;

3. Illi tenut kont tal-oggetti infjammabbli mizmuma fl-istess garaxx mill-konvenut Cortis, dan kien dovut li jzomm apparat tat-tifi tan-nar fl-istess garaxx;

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta' dilungar inutili din il-qorti taghmel ukoll taghha l-konkluzjonijiet tal-perit legali fuq riferita rigwardanti s-socjeta` assikuratrici konvenuta b'dan li polza assikurattiva ghandha tkopri wkoll hsarat fil-proprjeta` kkagunati mill-vettura minnha koperta;

Illi konsegwentement, l-istess socjeta` assikuratrici konvenuta hi tenuta responsabbli li thallas ukoll ghal dawk id-danni li biha l-assigurat taghha kien kopert;

Illi rigward l-eccezzjoni tal-istess socjeta` assikuratrici konvenuta li m'ghandhiex *locus standi* peress li l-kawza odjerna hi wahda *ex delictu*, jinghad li *ai termini* tal-artikolu 9A tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, dan mhux il-kaz stante li l-persuna li tkun garrbet il-hsara ghandha d-dritt t'azzjoni diretta kontra l-assikuratur;

Ikkunsidrat:

Illi rigward id-danni allegati mir-rikorrenti ghandu jinghad li a skans ta' ripetizzjoni inutili din il-qorti qed tistrieh ukoll kompletament fuq ir-relazzjoni peritali fir-rigward u ghar-ragunijeit hemm espressament indikati tissottolinea biss li l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi hu dak riskontrat mill-imsemmija espert legali senjatament kif minnha stabbilit fl-ammont ta' sbatax –il elf, seba' mija u sitta u ghoxrin Ewro u hames centezmi, (€17,726.05), u mhux kif precedentement indikat;

Ikkunsidrat:

Illi finalment, in vista tal-fatt li jirrizulta wkoll li l-konvenut Cortis naqas milli jirreagixxi quddiem l-incendju in dizamina billi ma ipprovax jitfieh, taqbel ukoll mal-konkluzjoni peritali li allura ghandu jigi tenut responsabbli li jhallas ghaxra (10) fil-mija tal-hsarat sofferti u fuq likwidati;

Illi konsegwentement id-disghin (90) fil-mija l-ohra tal-istess hsarat ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta` assikuratrici konvenuta;

**DECIDE**:

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet rimanenti kollha tal-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited, takkolji t-talbiet tal-atturi Bernard u Josephine Buhagiar u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenuti George Cortis u GasanMamo Insurance Limited responsabbli ghall-hruq li sehh fil-vann fuq riferit fil-garaxx *de quo* sottopost ghall-fond proprjeta` tal-atturi konjugi Buhagiar fuq riferiti, u dan fi kwoti ta' ghaxra (10) fil-mija u disghin (90) fil-mija rispettivament kif fuq ukoll indikat;

2. Tillikwida d-danni komplessivi sofferti mill-imsemmija atturi konjugi Buhagiar fl-ammont ta' sbatax –il elf, seba' mija u sitta u ghoxrin Ewro u hames centezmi, (€17,726.05);

3. Tordna li x-xoghlijiet strutturali li jista' jkun hemm bzonn li jsiru fil-garaxx in dizamina jigu esegwiti mill-istess atturi Buhagiar stante kemm li l-garaxx *de quo* hu effettivament proprjeta` taghhom, kemm li l-ammont ghall-istess hu gia` likwidat fid-danni fuq imsemmija;

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti fil-proporzjon fuq gia` ndikat ghad-danni hawn likwidati;

5. Illi finalment, tenut kont li l-atturi cedew il-kawza kontra l-eredi tal-konvenuta Antonia Attard, tordna li dawn il-konvenuti jigu kollha liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------